TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 12/13/GB

**Roderick Sammut**

**vs**

**Klikk Computer Store**

Illum 26 ta' Gunju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-11 ta' Jannar, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' erbgha mija disgha u tletin Ewro (€439.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas ghal 'tablet' li xtara minghand is-socjeta' ntimata, liema 'tablet' kien difettuz.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fis-7 ta' Lulju 2012 huwa kien xtara 'tablet' ghall-prezz ta' erbgha mija disgha u tletin Ewro (€439.00) minghand is-socjeta' ntimata. Sabiex l-istess 'tablet' jiffunzjona mal-Melita internet, ir-rikorrent kien xtara accessorji ohrajn mieghu.

Wara biss xahrejn juza l-imsemmi 'tablet', ir-rikorrent innota li bl-ebda mod ma seta' jerga' jiccargja l-batterija ta' l-istess, b'konsegwenza li t-'tablet' ma baqax jahdem. Ghalhekk, ir-rikorrent ha lura t-'tablet' ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija fid-29 ta'

Settembru 2012, fejn inzamm ghat-tiswija. Wara li r-rikorrent kien halla t-'tablet' ghand is-socjeta' ntimata ghat-tiswija ghal xahar shih minghajr ebda risposta, fid-29 ta' Ottubru 2012, liema data kienet indikata bhala 'due date' fuq il-karta tat-tiswija, ir-rikorrent mar ghat-'tablet' fejn gie nformat li t-'tablet' kien gralu l-hsara fil-'port' fejn jidhol il-pin tac-charger u parts ghat-'tablet' ma kienx hemm, u peress illi skond is-socjeta' ntimata l-hsara ghamilha r-rikorrent, allura ma kienx kopert bil-garanzija. Fl-ebda hin meta kien qed jixtri t-'tablet' ma gie nformat ir-rikorrent illi l-parts tat-'tablet' ma kienux disponibbli. Ghalhekk, wara biss xahrejn u nofs ta' uzu, 'tablet' li jiswa erbgha mija disgha u tletin Ewro (€439.00) huwa biss tajjeb ghar-rimi.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tar-ricevuta flimkien ma' kopja tal-garanzija.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Il-garanzija ma tkoprix ksur li jkun sar, bhal dan il-kaz, b'negligenza jew accident.

Dawn it-'tablets' ma jkunx possibli li ssewihom minhabba c-cokon u l-kompatezza taghhom. F'kaz ta' hsara tal-manifattura, dawn it-'tablets' jigu mibdula minnufih ma' ohrajn godda.

Is-socjeta' ntimata sinceramant jiddispjaciha ghal dak li gara lir-rikorrent, pero', sfortunatament ma hemmx rimedju ghal din is-sitwazzjoni.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok.RS1.

Ir-rikorrent ezebixxa wkoll it-'tablet' in kwistjoni *animo ritirandi* waqt is-seduta.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub.

Is-socjeta' ntimata ezebiet rapport tekniku li gie mmarkat bhala Dok.JF1.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u b'referenza specifika ghar-rapport tekniku ezebit u mmarkat bhala Dok.JF1, qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**